# *QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)*

## Bhala QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat: Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur.**

***Drogi 177/01***

***Il-Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***vs***
***Redent Piccione***

Illum 23 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat - Semghet - Ikkunsidtrat;

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Redent Piccione huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza tal-cannabis; **Traffikar** tal-istess ***bl-aggravju*** tad-distanza – *rifferibbilment ghat-3 ta' April 2000 u matul is-sitt xhur qabel din id-data*.

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-3 ta' April, il-pulizija waqt li kienu fejn il-bandli f' Hal Luqa, osservaw karrozza misjuqa mill-imputat u li fiha kien hemm wkoll passiggier riekeb fuq quddiem. Meta interveniet il-pulizija, hekk kif l-imputat kien hiereg mill-karrozza dana rema bicca blokka tal-haxixa li kienet f' idu.

Illi fi stqarrija rilaxxjata mill-imputat dana ammetta li dik il-blokka kienet tieghu. Huwa innega pero' li qatt kien bigh il-haxixa, ghalkemm ammetta li hu u z-zaghzugh l-iehor gieghli qassmu xi

joint flimkien. *"Jiena gieghli pejjipt minn tieghu u hu gieghli pejjep minn tieghi."*

Fattur importanti ghall-finijiet tat-tieni akkuza, huwa li l-imputat **ma kienx car jew preciz** meta wiegeb ghal-mistoqsija kemm kien ilu ipejjep il-haxixa, u ghalhekk l-aspett tal-kaz ma giex provat kif jesigi d-dritt penali.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuza bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tirrizulta ampjament provata skond il-ligi; izda it-tieni, u allura t-tielet akkuza, bazati fuq ir-reat ta' Traffikar aggravat ma jreggux.

In propositu l-Qorti osserva li, ghalkemm l-imputat stqar li hu u z-zaghzugh l-iehor, gieghli qassmu d-droga bejniethom ma hemm specifikat **f' liema perijodu** saret din l-attivita'; u ghalhekk ma giex provat skond il-ligi li din saret fil-perijodu inkriminat.

Illi **inoltre** l-kaz tal-prosekuzjoni, in kwantu jirrigwarda it-tieni u t-tielet akkuza, ikompli jiddghajjef mix-xhieda taz-zaghzugh l-iehor li gie prodott mill-prosekuzjoni.

**Di piu'** l-Qorti tosserva li din l-attivita' kriminuza ammessa mill-imputat, anki jekk *dato ma non concesso*, kellu jittiehed li saret **fil-perijodu** inkriminat, xorta wahda, fil-fehema tal-Qorti, ma tikkostitwixi ir-reat ta' Traffikar fis-sens tal-ligi.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni **il-fedina penali netta** tal-imputat, kif ukoll ir-**rapport favorevoli tas-social worker Josette Camilleri**, hija tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha takkorda lill-imputat l-liberta' kondizzjonata. Din ix-xhud stqarret li, ghalkemm zmien ilu l-imputat kellu l-vizzju tat-tipjip tal-haxixa, issa dan il-vizzju qatghu.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza (1) bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza tal-cannabis a tenur tar-regolament 8 GN 292/39; izda ***tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena*** skond l-art.9 tal-Kap.152. Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-import ta' dan il-provvediment.

Ma ssibux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza u tilliberah minnhom.

In fine l-Qrti hija tal-fhema li, in vista tar-rapport favorevoli tal-imsemmija social worker, **ma thoss li dan il-kaz izolat ghandu jippregudika l-impieg tal-imputat;** u tawgura li l-imputat jibqa' jinzamm fl-impieg tieghu.

In fine il-Qorti tordna d-destruzzjoni tad-droga esebiti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***